**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 27 ta' Jannar 2020**

**Talba Numru 348/2019SFJ**

***Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Abigail Camilleri Tonna sia bil-polza u sia bil-liġi u l-istess Abigail Camilleri Tonna***

***vs.***

***Joseph Muscat***[1]

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu l-atturi ippremettew u talbu:

1. *Dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Lulju 2018 fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, meta volontarjament u dolożament il-konvenut giref il-vettura tar-rikorrenti Abigail Camilleri Tonna li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni HBG614 u li kienet ipparkeġġjata fl-istess triq, liema vettura kienet assigurata mis-soċjetà attriċi u b'konsegwenza ta' liema azzjoni l-istess atturi sofrew danni;*

2. *Konsegwentement, li l-istess konvenut jiġi ikkundannat iħallas id-danni kollha sofferti mill-mittenti li jammontaw għal Euro 259.98, in kwantu Euro 55 dovuti lill-attriċi Abigail Camilleri Tonna in linea ta' excess u l-ammont ta' Euro 204.98 huma dovuti lis-soċjetà attriċi Citadel Insurance plc;*

3. *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 945/19 intavolata fid-29 ta' Mejju 2019 u debitament notifikata fil-5 ta' Ġunju 2019 u l-imgħax legali mid-data tan-notifika*

[1] **Joseph Muscat** ta' 364, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

*tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba, fosthom kopja tal-ittra uffiċjali msemmija fl-att promotur b'evidenza tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali. Huwa ċar li permezz tal-ittra uffiċjali numru 945/19 (ara fol. 2 tal-proċess) ippreżentata fid-29 ta' Mejju 2019, l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' tlett mija u seba' Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€307.98)

Ra li l-konvenut ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ kif jirriżulta mir-riferta datata 22 ta' Novembru 2019 li tindika li n-notifika relattiva saret fis-17 ta' Novembru 2019.

Ra li l-konvenut ma ippreżenta ebda risposta.

Ra l-kapitolu ippreżentat mill-atturi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu riedu jippruvaw bil-ġurament tal-istess konvenut li huwa debitur tal-atturi fl-ammonti u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2020 il-konvenut reġa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija lilu magħmula in subizzjoni u sabiex jikkontesta l-kawża.

Qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-27 ta' Jannar 2020.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' mitejn u disa' u ħamsin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€259.98) liż-żewġ atturi fl-ishma deskritti fl-Avviż tat-Talba.

It-Tribunal jordna li l-interessi għandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali relattiva, jiġifieri mill-5 ta' Ġunju 2019.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**